**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 116/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**Sherlock Cachia**
**(ID 457378(M))**

**Illum: 27 ta' Jannar 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Sherlock Cachia** ta' 34 sena, iben Dennis u Antonia nee` Thornton, imwieled il-Pieta`, nhar is-17 ta' Settembru 1978, residenti 89, Elizabeth, Triq San Mikiel, Fgura, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 457378(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013:

a. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina piskotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Ġunju 2015, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu;

Rat ukoll illi fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2020, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat għandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif applikabbli fil-każ odjern bis-saħħa tal-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Johann J Fenech** jixhed illi fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013, kien hemm *party* ġewwa l-MFCC, Ta' Qali, fejn preżenti kien hemm pulizija mill-Iskwadra Kontra d-Droga li għamlu tfittxijiet fuq diversi persuni fuq suspett li seta' kellhom xi droga, fosthom lill-imputat odjern, li ġie arrestat fil-lejl in kwistjoni. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tiegħu minn PS 1387 u PC 450, irriżulta illi l-imputat kien fil-pussess ta' erba' (4) pilloli ta' lewn blu suspettati droga, liema pilloli nstabu moħbija fiż-żarbuna tiegħu tal-lemin u ġew esebiti mix-xhud bħala Dok. JF. L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, liema stqarrija ġiet esebita bħala Dok. JF 1. Flimkien mal-imputat ġiet arrestata ċerta Jocelin Schembri u sussegwentement, ittieħdu passi fil-konfront tagħha wkoll. L-Ispettur żied jgħid illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija.[1]

2. **Fl-istqarrija** rilaxxjata minnu nhar il-31 ta' Marzu 2013, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx, l-imputat jikkonferma illi f'dak il-lejl, waqt tfittxija li saret fuqu ġewwa *party* fl-MFCC Ta' Qali, instabu erba' pilloli fiż-żarbun tiegħu tal-lemin u jgħid illi dawn tathomlu ċerta Jocelin Schembri dakinhar stess. Mistoqsi jekk dawn kinux pilloli *ecstasy*, huwa jgħid illi ma jafx x'inhuma u mistoqsi Schembri x'qaltlu li kienu, hu

[1] A fol. 8 sa 11 tal-proċess.

qal li din ma qaltlux, u li sempliċiment tathomlu u qaltlu biex iżommhomlha, għaliex bdiet tibża' ddaħħalhom hi fil-*party*. Huwa jgħid illi Jocelin ikkuntatjatu dakinhar stess biex jgħaddi għaliha u għall-ħabiba tagħha Svettie, li sar jafha fuq *Facebook*, u jtellagħhom il-*party* miegħu. Ma talabhiex flus biex iżommilha l-pilloli u tatu dak illi wara, sabulu l-pulizija. Jgħid illi huwa qatt ma ħa droga u jgħid illi l-pilloli ma kinux għalih u ma kienx ser jieħu minnhom.[2]

3. **L-Ispettur Ryan Caruana** xehed illi fit-30 ta' Marzu 2013 huwa kien xogħol waqt *party* li kien qiegħed isir ġewwa l-MFCC. Għall-ħabta ta' nofs il-lejl neqsin kwart (11:45pm), flimkien ma' PC 450, waqqfu lill-imputat odjern. Ix-xhud jgħid illi kien għamlu xi ħin josservaw lill-imputat għaliex deher suspettuż, u waqqfuh hekk kif kien dieħel fil-*venue*. Jgħid illi l-imputat "*deher agitat ghall-ahhar*"[3]. Qabel saret tfittxija fuqu, mistoqsi jekk kellux xi ħaġa fuq il-persuna tiegħu, l-imputat wieġeb fin-negattiv. Reġa' ġie mistoqsi l-istess mistoqsija, saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu, iżda ma nstab xejn. Madankollu, hekk kif kien ser jitlaq, huwa ġie mitlub ineħħi ż-żarbun u dak il-ħin, sostna li ma kienx hemm għalfejn għaliex ma kellu xejn fiż-żarbun. Reġa' ġie mitlub ineħħi ż-żarbun u fiż-żarbun tal-lemin kien hemm borża bajda li fiha kien hemm erba' pilloli ta' lewn blu. Jgħid ukoll illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ. Ix-xhud jikkonferma illi l-imputat dakinhar ma kienx waħdu, iżda ma' grupp ta' persuni oħrajn, kif ukoll illi Dok. JF kien dak li huwa eleva mingħand l-istess imputat.[4]

4. **PC 450 Christopher Bartolo** xehed illi fit-30 ta' Marzu 2013 kien xogħol waqt *party* ġewwa l-MFCC, Ta' Qali. Bejn xi l-ħdax ta' filgħaxija (11:00 pm) u nofs il-lejl neqsin ħamsa (11:55 pm), flimkien mal-kollega tiegħu PS 1387, kienu qegħdin iduru fil-parkeġġ ta' barra, meta ġihom suspett fi grupp ta' żgħażagħ, baqgħu isegwuhom u daħlu warajhom fil-kju għall-*party*. Hekk kif dan il-grupp ta' żgħażagħ qabżu s-*security*, il-pulizija waqqfu lill-imputat li kien fl-istess grupp. Saret tfittxija fuq il-persuna tal-imputat, li dak il-ħin beda jgħid li ma kellu xejn u li ma kellux x'jaqsam ma' droga. Saret tfittxija fil-bwiet u fil-ħwejjeġ tal-istess imputat u fl-aħħar talbuh jinża ż-żarbun. Fiż-żarbuna tal-lemin instabet borża li fiha kien erba' pilloli ta' lewn blu. L-imputat ċaħad illi l-pilloli kienu tiegħu u indika li kienu ta' tfajla li kienet miegħu dakinhar. Għalhekk, il-Pulizija pproċediet sabiex twaqqaf lit-tfajliet li kienu mal-imputat. L-imputat ġie arrestat u ttieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.[5]

---

[2] Ara din l-istqarrija a fol. 12 u 13 tal-proċess.
[3] A fol. 15 tal-proċess.
[4] A fol. 14 sa 16 tal-proċess.
[5] A fol. 27 sa 30 tal-proċess.

5. Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza Dok. JF[6], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella immarkat S/B/546/2015 li fih kien hemm *envelope* ta' lewn kannella bil-kliem *30/03/2013 11:55pm PC450/PS1387 Cachia Sherlock ID: 457378(M) 4 XTC pills (in his shoes)* li fih kien hemm borża tal-plastik trasparenti li kien fiha erba' pilloli ta' lewn blu.

   Dwar dan id-dokument, l-istess espert ikkonkluda illi fl-estratti meħuda mill-pilloli ta' lewn blu instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*. In-numru totali ta' pilloli kien ta' erbgħa. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Taqsima A tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta.[7]

   Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, l-espert jgħid illi din is-sustanza hija l-*ecstasy.*[8]

6. **Jocelin Schembri** u **Rita Grima** għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri stante illi għad għandhom proċeduri pendenti fil-konfront tagħhom u għalhekk setgħu jinkriminaw ruħhom.[9]

Da parti tiegħu, **l-imputat Sherlock Cachia** għażel illi jieħu l-pedana tax-xhieda. Huwa jgħid illi fil-lejl bejn it-30 u l-31, kien għadda għall-ħabiba tiegħu, ċerta Svettie. Lil Svettie kien sar jafha fuq *Facebook* u din laqqgħatu mal-ħabiba tagħha Jocelin, fuq *Facebook* ukoll. Svettie talbitu jgħaddi għalihom sabiex imorru flimkien għall-*party* ta' *Tenisha* li kien ser isir f'Ta' Qali u l-imputat aċċetta. Tramite *Facebook* tkellem ma' Jocelin, li talbitu sabiex jgħaddi għaliha ħdejn il-*pitch* tal-Fgura. Għadda għaliha kif ftehmu u peress illi Jocelin kellha bżonn tiġbed il-flus, l-imputat wassalha sal-ATM tal-HSBC, l-Fgura. Mill-Fgura baqgħu sejrin Bormla sabiex jiġbru lil Svettie u wara telgħu r-Rabat sabiex jiġbru lill-kuġina ta' Svettie. L-imputat jgħid illi la jaf x'kunjomha Svettie u lanqas x'jisimha l-kuġina tagħha. Jgħid illi wara marru jieħdu *drink* minn ġewwa każin fir-Rabat, imbagħad qabdu t-triq biex imorru Ta' Qali għall-*party*, iżda Jocelin talbitu sabiex l-ewwel iwaqqafha s-Saqqajja. Waqaf mar-*roundabout* u Jocelin niżlet mill-karozza u talbet lill-imputat jistenniha ftit. Hemmhekk hija marret titkellem ma' xi ħadd u wara ftit reġgħet lura fil-karozza. Jocelin ma qalitx ma' min kienet iltaqgħet u l-imputat ma staqsiha xejn lanqas. Huwa jgħid ukoll illi fil-karozza, huwa staqsa lil Jocelin jekk kellhomx xi affarijiet fuqhom, u din wieġbet li ma kellha xejn. Mistoqsi mill-Qorti għaliex ħass il-bżonn li jistaqsi lil Jocelin jekk kellhiex xi ħaġa fuqha, meta lanqas biss kien jafha, l-imputat wieġeb

---

[6] Ara l-verbal tas-6 ta' Novembru 2015, a fol. 7 tal-proċess.
[7] Ara din ir-relazzjoni esebita bħala Dok. GS a fol. 33 sa 41 tal-proċess.
[8] Ara din ix-xhieda a fol. 31 u 32 tal-proċess.
[9] Ara a fol. 56 sa 60 tal-proċess.

illi lil Jocelin ma kienx jafha personalment "*imma tipo biex niprova ma' nigix f'inkwiet qisek dana, jigik suspett. Bniedem ma tafux, ma tafx x'jista' jkollu fuqu u ma jkollux*".[10] Jgħid illi proprjament huwa staqsihom kellhomx xi ħaġa fuqhom darbtejn. L-ewwel darba staqsa lil Jocelin x'ħin għadda għaliha u qaltlu li riedet tiġbed il-flus u mbagħad, it-tieni darba wara li waqaf is-Saqqajja. Skont hu, peress illi waqfu jkellmu lil xi ħadd, huwa reġa' staqsa lit-tfajliet li kienu riekba miegħu jekk kellhomx xi ħaġa fuqhom u Joceline reġgħet wieġbet illi ma kellhom xejn. Meta waslu Ta' Qali l-imputat ipparkja l-karozza. Fuq in-naħa tax-xellug tal-post fejn kien ipparkja l-vettura, kien hemm *container* u skont hu, Jocelin, Svettie u l-kuġina tagħha marru wara dan il-*container*, fil-waqt li hu baqa' jistennihom u meta rritornaw lura staqsihom jekk kienx ġralhom xi ħaġa. Wieġbu li ma kien ġara xejn u li setgħu jidħlu għall-*party*. L-imputat lemaħ ġuvni jħares lejhom u ra li dan baqa' miexi warajhom u daħal fil-kju magħhom. Jgħid illi meta waslu fil-kju inqasmu u waqt li hu u Jocelin kienu fil-kju fuq naħa, Svettie u l-kuġina tagħha kienu fil-kju fuq in-naħa l-oħra. Sakemm kienu fil-kju, Jocelin kienet ma' ġenbu u kienet marsusa miegħu. Jgħid illi huwa ħass lil Jocelin iddaħħal idha fil-but tan-naħa tal-lemin tal-ġakketta tiegħu. Meta staqsiha x'kien ġara, hija qaltlu li ma kien ġara xejn. Fi kliemu, "*U tipo dahlet idha fil-but tal-gakketta u tefghathom li kellha jigifieri.*"[11] Wara li għamlet dan, Jocelin resqet minn miegħu u marret n-naħa l-oħra, fil-waqt li hu baqa' fl-istess kju. Iżid jgħid illi x'ħin ġie biex joħroġ it-*tickets* biex jidħlu u daħħal idu fil-but tal-ġakketta, intebaħ illi kien hemm xi ħaġa fil-but ossia pakkett b'erba' pilloli. Skont hu, lil Jocelin għamlilha sinjal u staqsiha dawn x'kienu, iżda hi dawret wiċċha n-naħa l-oħra u daħlet 'il ġewwa, fil-waqt illi huwa baqa' waħdu fuq in-naħa l-oħra tal-kju. Fi kliemu, "*jigifieri onestament, x'hin tefghatomli qisha tipo telqet l hemm, biex tipo ma tinqabadx hi*"[12] u bil-fixkla u bil-biża' huwa waddabhom fiż-żarbuna. Sussegwentement il-pulizija ressquh fil-ġenb, u sabuhomlu fiż-żarbun.

L-imputat jgħid illi huwa ma rax lil Jocelin iddaħħal idha fil-but tal-ġakketta tiegħu, iżda peress illi din kienet ħdejh, huwa assuma li kienet hi. Jgħid illi dak il-ħin huwa ma qalilha xejn, għax laħqet telqet minn ħdejh u huwa beda jħares biex ifittixha. Għamlilha sinjal iżda dawn daħlu ġewwa. Meta saret it-tfittxija fuq it-tfajliet, huma tħallew jidħlu għaliex fuq il-persuna tagħhom ma nstab xejn illegali.

F'dan l-istadju l-imputat imbagħad ikompli jgħid illi waqt li kienu għadhom fil-vettura, hu baqa' jistaqsi lil Jocelin "*Imma zgur m'ghandkom xejn?*" u hi "*propja qaltli: "Ghandi dawn zommhomli*" … "*Ghax qed nibza nehodhom*".[13] Mistoqsi mill-Qorti x'kien ġara eżatt la darba qabel ma qalx hekk, iżda qal illi assuma li

[10] Ara a fol. 69 tal-proċess.
[11] A fol. 68 u 69 tal-proċess.
[12] A fol. 72 tal-proċess.
[13] A fol. 74 tal-proċess.

Jocelin waddbitlu l-pilloli fil-but tal-ġakketta stante li kienet qegħda ħdejh meta ħass id fil-but, u nduna bil-pilloli biss meta ġie biex joħroġ il-biljetti mill-but, huwa wieġeb illi proprjament meta daħlet idha fil-ġakketta, huwa staqsiha dawn x'kienu, hija talbitu biex iżommhomlha għaliex kienet qed tibża' teħodhom u telqet 'l hemm. Iżid jgħid illi "*mbaghad bil-biza peress li ma kienux tieghi tfajthom fiz-zarbuna. Ma kontx naf x'ser naqbad naghmel*".[14]

Jgħid illi huwa baqa' fil-kju, iżda x'ħin kien imiss lilu huwa ġie mwaqqaf mill-pulizija li għamlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, iżda ma sabulu xejn. Imbagħad hekk kif kien ħiereġ, talbuh ineħħi ż-żarbun, neħħa tax-xellug u ma kien hemm xejn, iżda meta ġie biex ineħħi ż-żarbun tal-lemin kien hu stess illi ammetta mal-pulizija li kellu pakkett b'erba' pilloli u qalilhom li dawn ma kinux tiegħu, ma kienx x'jaf ser jaqbad jagħmel bihom u bil-biża', huwa tefagħhom fiż-żarbun. Jgħid ukoll illi dak il-ħin stess huwa spjega lill-pulizija li l-pilloli in kwistjoni kienu ta' tfajla li kien jafha minn fuq *Facebook* u għadda sabiex jiddeskrivi x'kienet liebsa. Wara dan kollu, il-pulizija sabu lil Jocelin u ħarġuha mill-*party.*

**In kontro-eżami** l-imputat xehed illi l-lejl in kwistjoni kien dak ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013. Jgħid illi Jocelin kienet għaddietlu l-pilloli waqt li kienu għadhom barra jistennew fil-kju sabiex jidħlu ġewwa u talbitu jżommhomlha għaliex beżgħet teħodhom hi u qaltlu li mbagħad jeħduhom mingħandu iżjed tard. Jinnega li kienet Jocelin li qaltlu sabiex ipoġġihom fiż-żarbun. Jgħid illi ma jafx għaliex aċċetta illi jżommhom hu iżda għamel dan għaliex "*hekk gieni l-hsieb go mohhi dak il-hin.*"[15] Żied jgħid illi hu ma staqsihiex x'pilloli kienu.[16]

## Ikkunsidrat ukoll:

F'dan il-każ, l-imputat qed jiġi akkużat illi kien fil-pussess ta' mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, u dan wara illi fil-lejl in kwistjoni, huwa nstab fil-pussess ta' erba' pilloli *ecstasy* hekk kif kien dieħel sabiex jattendi *party* ġewwa l-MFCC, Ta' Qali.

M'hemmx dubju mix-xhieda tal-Ispettur Ryan Caruana u ta' PC 450 Christopher Bartolo illi l-imputat fil-fatt instab fil-pussess tal-imsemmija pilloli, kif ukoll illi dawn il-pilloli kienu *ecstasy*, kif jirriżulta mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut. Anke l-imputat jammetti kemm fix-xhieda tiegħu, kif ukoll fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi huwa kien fil-pussess ta' dawn il-pilloli, għalkemm jgħid illi ma kienx jafx x'kienu. Huwa proprju l-element tax-xjenza fl-imputat illi qegħda

[14] A fol. 75 tal-proċess.
[15] A fol. 80 tal-proċess.
[16] A fol. 65 sa 81 tal-proċess.

tikkontesta d-difiża fil-każ odjern, li ssottomettiet fit-trattazzjoni finali tagħha, illi l-imputat ma kienx jaf li dak li kellu fil-pussess tiegħu kienu pilloli *ecstasy*.

Kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu *a tempo vergine*, kif ukoll meta xehed f'dawn il-proċeduri, l-imputat sostna illi l-pilloli in kwistjoni ma kinux tiegħu iżda ta' ċerta Jocelin Schembri illi skont hu, tatu dawn il-pilloli biex iżommhomlha stante illi bdiet tibża' ddaħħalhom hi fil-*party*. Dwar dan, ma nġabet l-ebda prova xort'oħra illi turi illi dan ma kienx il-każ jew illi l-pilloli in kwistjoni kienu fil-fatt tal-imputat odjern u mhux ingħataw lilu minn Jocelin Schembri. Huwa evidenti wkoll kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll mix-xhieda tiegħu, illi dawn il-pilloli ma kinux intiżi għall-konsum tal-imputat, iżda ta' terza persuna jew terzi persuni, tant illi huwa jgħid in kontro-eżami illi Jocelin qatlu li wara kienet ser teħodhom lura mingħandu. Bħala stat ta' fatt, għalhekk sa hawn diġa` jirriżulta l-element materjali tar-reat ta' pussess aggravat tal-mediċina psikotropika u ristretta *ecstasy* u dan stante illi evidentement l-imputat kien fil-pussess ta' pilloli *ecstasy*, li ma kinux intiżi għall-użu tiegħu.

Jibqa' għalhekk illi l-Qorti tikkunsidra jekk jirriżultax ippruvat l-element formali tal-istess reat ossia x-xjenza fl-imputat illi dik li kellu fil-pussess tiegħu kienet droga jew sustanza illeċita u l-volontarjeta` da parti tiegħu illi jkollu l-istess fil-pussess tiegħu.

Għalkemm l-imputat jgħid illi ma jafx x'kienu dawn il-pilloli u lanqas fil-fatt ma jirriżulta illi l-imputat kien xi wieħed intiż f'materja ta' droga, biss huwa ben evidenti mill-aġir tiegħu illi huwa kien jaf ben tajjeb li l-borża li ngħata kienet tikkontjeni sustanza illeċita. Fix-xhieda tiegħu, għall-ewwel l-imputat jipprova jagħti x'jifhem illi l-pilloli ġew mitfugħa fil-but tal-ġakketta tiegħu minn Jocelin, mingħajr il-konsapevolezza tiegħu, iżda ftit wara jammetti illi dawn ingħataw lilu minn Jocelin, li talbitu jżommhomlha għaliex hi beżgħet iddaħħalhom fil-*party* in kwistjoni. Sa hawn, anke jekk l-imputat ma kienx jaf eżattament x'kienu l-pilloli, huwa diġa` kien induna li din kienet sustanza illeċita, tant li Jocelin stess qaltlu li ma riditx iddaħħalhom hi għaliex beżgħet u hu da parti tiegħu, ma qabadx u tefagħhom fil-but qisu xejn m'hu xejn, iżda qegħdhom fiż-żarbun proprju sabiex jaħbihom u jevita illi jinqabad bihom. Huwa stess jgħid illi beża' u nfixel u li kien għalhekk li qegħdhom fiż-żarbun. Dan juri kemm fil-fatt l-imputat kien jaf li s-sustanza in kwistjoni kienet waħda illeċita - xjenza din da parti tal-imputat li kienet ukoll evidenti meta eventwalment ġie mwaqqaf mill-pulizija u ġie nformat illi kienet ser issirlu tfittxija. Tant l-imputat kien jaf x'kellu fil-pussess tiegħu li, minkejja l-kooperazzjoni tiegħu mal-istess pulizija, huwa ma qabadx u tahom il-borża bil-pilloli in kwistjoni, iżda stenna sakemm eventwalment jinstabulu fiż-żarbun. Anke jekk l-imputat beża' jew infixel meta ġew mgħoddija lilu l-pilloli in kwistjoni, ma kien hemm assolutament xejn x'jimpedih milli jirrifjuta li jżommhom jew anke milli jiddisponi minnhom. L-imputat żbalja meta

għażel li jaħbi dawn il-pilloli fuq il-persuna tiegħu, bil-konsegwenza li huwa ġie u nstab fil-pussess tal-istess.

Huwa evidenti wkoll għal din il-Qorti li l-imputat ħalla lil min jużah u jinqeda bih. Mix-xhieda tiegħu jirriżulta illi huwa ħareġ ma' tliet tfajliet li hu stess jammetti li ma kienx jafhom, ħlief li kien iltaqa' qabel ma' waħda minnhom fuq *Facebook* u la kien jaf x'jisimha proprju Svettie u lanqas kien jaf x'jisimha t-tfajla l-oħra, kuġina ta' Svettie. Skont il-verżjoni tiegħu, Jocelin kellmitu għall-ewwel darba fuq *Facebook* sempliċiment sabiex titolbu jgħaddi għaliha u jsuqha lejn il-*party* u mingħajr ma qatt iltaqa' qabel ma' dawn it-tfajliet, huwa aċċetta mhux biss li joħroġ magħhom, iżda li jagħmel dak kollu li talbuh, inkluż billi għadda għalihom ilkoll bil-karozza tiegħu u wassalhom il-*party*. Għalkemm fix-xhieda tiegħu huwa jinsisti li lil Jocelin staqsiha aktar minn darba jekk kellhiex xi ħaġa x'taħbi fuqha, għaliex ma kienx jafha u ried jevita li jiġi fl-inkwiet, mhux biss baqa' fil-kumpanija ta' dawn it-tfajliet, iżda baqa' jagħmel dak li talbuh, inkluż billi żamm il-pilloli għal Jocelin wara li din qaltlu li beżgħet iżżommhom hi!

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-imputat tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u għaldaqstant qed issibu ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar il-Piena**

Għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata, mil-liema jirriżulta illi l-imputat ġie misjub ħati dwar reati taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'iżjed minn okkażjoni waħda. Tqis ukoll illi l-aħħar reat kif riżultanti minn din il-fedina penali, jirrisali għas-sena 2003.

Tqis ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern, l-ammont ta' pilloli in kwistjoni, kif ukoll dak illi ssottometta l-Uffiċjal Prosekutur fil-kors tat-trattazzjoni finali, meta ddikjara li dak ta' llum "*Kien one off case, jiena qatt ma smajt bih jigifieri aktar wara dan il-kaz. Ma jidhirx li kien ragel t'hekk*"[17] u li għalhekk, skont l-istess Uffiċjal Prosekutur, l-imputat għandu jingħata piena fil-minimu. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti wkoll jidhrilha illi piena fil-minimu hija waħda idonea.

Tqis in oltre illi l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tagħha, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi huwa għandu jibbenefika

---

[17] Ara a fol. 89 tal-proċess.

minn tnaqqis fil-piena, kif ikkontemplat fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u 120A(2B) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **tliet (3) xhur priġunerija effettiva** u piena ta' **multa ta' sitt mitt ewro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). L-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti f'dawn il-proċeduri, ossia l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, sebgħa u erbgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€147.50), liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga Dok. JF, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan sakemm il-Prosekuzzjoni ma tindikax permezz ta' nota fi żmien ħmistax millum, illi huwa neċessarju illi din id-droga tiġi preżervata għal skop ta' xi proċeduri oħrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-każ ir-Reġistratur għandu jirrapporta lil din il-Qorti b'verbal meta din id-droga tkun hekk ġiet distrutta.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat